# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/103

**tat-23 ta' Jannar 2019**

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 rigward il-kjarifika, l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni, kif ukoll it-tisħiħ ta' ċerti miżuri speċifiċi tas-sigurtà tal-avjazzjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 ([2]) uriet il-ħtieġa għal emendi żgħar għall-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' ċerti standards bażiċi komuni.

(2) Jenħtieġ li ċerti miżuri speċifiċi tas-sigurtà tal-avjazzjoni jiġu ċċarati, armonizzati jew issimplifikati sabiex tittejjeb iċ-ċarezza ġuridika, tiġi standardizzata l-interpretazzjoni komuni tal-leġiżlazzjoni u tiġi żgurata b'mod ulterjuri l-aqwa implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni.

(3) Barra minn hekk, l-iżviluppi ġodda f'termini ta' operazzjonijiet tal-ajruporti u tal-linji tal-ajru, ta' teknoloġija u ta' tagħmir tas-sigurtà li jindirizzaw il-bidliet fis-sitwazzjoni tat-theddid u tar-riskji, kif ukoll l-evoluzzjoni ta' Standards u Prattiki Rakkomandati internazzjonali tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) jeħtieġu li r-regoli ta' implimentazzjoni jiġu emendati skont dan.

(4) L-emendi jikkonċernaw miżuri fl-oqsma tas-sigurtà tal-ajruporti, tar-reviżjoni tar-regoli dwar il-verifika tal-preċedenti personali sabiex tittejjeb il-kultura u r-reżiljenza tas-sigurtà, u tal-introduzzjoni, tad-definizzjoni ta' standards ta' prestazzjoni u tal-użu ta' tagħmir tal-Individwazzjoni tal-Isplussivi fiż-Żraben (SED) u ta' tagħmir tal-Individwazzjoni tal-Fwar Splussiv (EVD).

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019. Madankollu, il-punti 2, 20, 25, 26, 28 sa 38, 44 u 45 tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2020.

---

([1]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni, (ĠU L 299, 14.11.2015, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 1.1.3.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.1.3.4 Għandha titwettaq tfittxija tas-sigurtà ta' dawk il-partijiet kritiċi li setgħu ġew ikkontaminati mill-iktar fis possibbli sabiex jiġi żgurat b'mod raġonevoli li ma jkunx fihom oġġetti pprojbiti, kull fejn l-aċċess għall-partijiet kritiċi seħħ minn wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) persuni li ma twettqilhomx l-iskrinjar;

(b) passiġġieri u membri tal-ekwipaġġ li jaslu minn pajjiżi terzi għajr dawk elenkati fid-Dokument Mehmuż 4-B;

(c) passiġġieri u membri tal-ekwipaġġ li jaslu minn ajruporti tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti jkun idderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009 (*), sakemm huma ma jiġux milqugħin mal-wasla tagħhom u skortati 'l barra minn dawk iż-żoni skont il-punt 1.2.7.3.

Dan il-punt għandu jitqies li ġie ssodisfat għall-inġenji tal-ajru li jkunu soġġetti għal tfittxija tas-sigurtà tal-inġenji tal-ajru, u ma għandux japplika meta l-persuni koperti bil-punt 1.3.2 u l-punt 4.1.1.7 kellhom aċċess għall-partijiet kritiċi.

Fir-rigward tal-punti (b) u (c), din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għal dawk il-partijiet kritiċi li jintużaw mill-bagalji tal-istiva li twettqilhom l-iskrinjar u/jew mill-passiġġieri tat-tluq li twettqilhom l-iskrinjar li ma jkunux se jitilqu fuq l-istess inġenju tal-ajru bħal dawn il-passiġġieri u l-membri tal-ekwipaġġ.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009 tat-18 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà (ĠU L 338, 19.12.2009, p. 17).";

(2) Il-punt 1.2.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.2.3 **Rekwiżiti għall-karti tal-identifikazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ u għall-karti tal-identifikazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni**

1.2.3.1 Karta tal-identifikazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ ta' membru tal-ekwipaġġ impjegat minn trasportatur bl-ajru tal-Unjoni u karta tal-identifikazzjoni tal-ajruporti jistgħu jinħarġu biss lil persuna li jkollha ħtieġa operazzjonali u li jkun irnexxielha tgħaddi minn verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża skont il-punt 11.1.3.

1.2.3.2 Il-karti tal-identifikazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-ajruporti għandhom jinħarġu għal perjodu li ma jaqbiżx ħames snin.

1.2.3.3 Il-karta tal-identifikazzjoni ta' persuna li ma jirnexxilhiex tgħaddi minn verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża għandha minnufih titħassar jew tiġi rtirata, kif ikun applikabbli, u għandha tintbagħat lura lill-awtorità, lill-operatur jew lill-entità emittenti, kif ikun xieraq.

1.2.3.4 Il-karta tal-identifikazzjoni għandha tintlibes f'post viżibbli minn tal-inqas kull meta d-detentur ikun f'żona ta' sigurtà ristretta.

Persuna li ma jkollhiex il-karta tal-identifikazzjoni tagħha f'post viżibbli f'żoni ta' sigurtà ristretta għajr f'dawk iż-żoni fejn ikunu preżenti l-passiġġieri għandhom jiġu interpellati minn persuni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-punt 1.5.1 (c) u, kif ikun xieraq, għandhom jiġu rrappurtati.

1.2.3.5 Il-karta tal-identifikazzjoni għandha tintbagħat lura minnufih fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fuq talba tal-awtorità kompetenti, tal-operatur jew tal-entità emittenti kif xieraq;

(b) malli jintemm l-impjieg;

(c) malli jinbidel min iħaddem;

(d) malli tinbidel il-ħtieġa għall-aċċess għal żoni li għalihom kienet ingħatat awtorizzazzjoni;

(e) malli l-karta tiskadi;

(f) malli l-karta tiġi rtirata.

1.2.3.6 L-entità emittenti għandha tiġi nnotifikata minnufih malli karta tal-identifikazzjoni tintilef, tinsteraq jew ma tintbagħatx lura.

1.2.3.7 Karta elettronika għandha tiġi diżattivata minnufih wara r-ritorn, l-iskadenza, l-irtirar jew in-notifika li ntilfet, insterqet jew ma ntbagħtitx lura.";

(3) Il-punt 1.2.6.3(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għandha tkun marbuta mal-utent tal-vettura rreġistrata, kumpanija jew individwu, permezz ta' bażi tad-*data* sigura tar-reġistrazzjoni tal-vetturi";

(4) Fil-punt 1.2.6.3, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-permessi elettroniċi tal-vetturi għandhom ukoll ikunu jistgħu jinqraw b'mod elettroniku fiż-żona tat-titjir.";

(5) Il-punt 1.3.1.1(f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) tagħmir tal-individwazzjoni tat-traċċi splussivi (ETD) flimkien ma' tagħmir tal-individwazzjoni tal-metalli li jinżammu fl-idejn (HHMD);";

(6) Fil-punt 1.3.1.1, jiżdiedu l-punti (g) u (h) li ġejjin:

"(g) tagħmir tal-individwazzjoni tal-metalli fiż-żraben (SMD);

(h) tagħmir tal-individwazzjoni tal-isplussivi fiż-żraben (SED).";

(7) Fl-aħħar tal-punt 1.3.1.1, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"It-tagħmir SMD u SED jista' jintuża biss bħala mezz supplimentari ta' skrinjar.";

(8) Il-punt 1.3.1.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.3.1.3 Il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi, it-tagħmir ETD u t-tagħmir ETD flimkien ma' tagħmir SED jistgħu jintużaw biss bħala mezz supplimentari ta' skrinjar ta' persuni għajr il-passiġġieri jew b'alternanza imprevedibbli mat-tfittxijiet bl-idejn, mat-tfittxijiet bl-idejn flimkien ma' tagħmir SMD, WTMD jew skeners tas-sigurtà.";

(9) Is-sentenza li ġejja tiżdied fl-aħħar tal-punt 3.1.3:

"L-irrekordjar tal-informazzjoni kif imsemmi hawn fuq, jista' jsir b'format elettroniku.";

(10) Il-punt 4.0.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4.0.3 Il-passiġġieri u l-bagalji tal-idejn tagħhom li jaslu minn Stat Membru fejn l-inġenju tal-ajru kien fi tranżitu wara li wasal minn pajjiż terz mhux elenkat fid-Dokument Mehmuż 4-B jew minn ajruport tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti dderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1254/2009, għandhom jiġu kkunsidrati bħala passiġġieri u bagalji tal-idejn li jaslu minn pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm konferma li dawn il-passiġġieri u l-bagalji tal-idejn tagħhom twettqilhom l-iskrinjar skont dan il-Kapitolu.";

(11) Jiżdied il-punt 4.0.6 li ġej:

"4.0.6 Il-passiġġieri u l-bagalji tal-idejn tagħhom li jaslu minn ajruport tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti dderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1254/2009, għandhom jiġu kkunsidrati bħala passiġġieri u bagalji tal-idejn li jaslu minn pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm konferma li dawn il-passiġġieri u l-bagalji tal-idejn tagħhom twettqilhom l-iskrinjar skont dan il-Kapitolu.";

(12) Il-punt 4.1.1.2(f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) tagħmir ETD flimkien ma' tagħmir tal-individwazzjoni tal-metalli li jinżammu fl-idejn (HHMD);";

(13) Fil-punt 4.1.1.2, jiżdiedu l-punti (g) u (h) li ġejjin:

"(g) tagħmir tal-individwazzjoni tal-metalli fiż-żraben (SMD);

(h) tagħmir tal-individwazzjoni tal-isplussivi fiż-żraben (SED).";

(14) Il-punt 4.1.1.9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4.1.1.9 Il-klieb għall-individwazzjoni tal-isplussivi, it-tagħmir ETD u t-tagħmir ETD flimkien ma' tagħmir SED jistgħu jintużaw biss bħala mezz supplimentari ta' skrinjar.";

(15) Il-punt 4.1.3.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4.1.3.1 L-LAGs li jinġarru mill-passiġġieri jistgħu jiġu eżentati mill-iskrinjar b'tagħmir LEDS mad-dħul fiż-żona ta' sigurtà ristretta jekk l-LAGs ikunu jinsabu f'kontenituri individwali b'kapaċità li ma tkunx ikbar minn 100 millilitru jew ekwivalenti f'basket tal-plastik trasparenti wieħed li jista' jerġa' jiġi ssiġillat b'kapaċità li ma taqbiżx litru (1), fejn il-kontenut tal-basket tal-plastik ikun joqgħod komodament u l-basket ikun magħluq għalkollox.";

(16) Il-punt 4.1.3.2 jitħassar;

(17) Il-punt 5.0.3 huwa emendat kif ġej:

"5.0.3 Il-bagalji tal-istiva li jaslu minn Stat Membru fejn l-inġenju tal-ajru kien fi tranżitu wara li wasal minn pajjiż terz mhux elenkat fid-Dokument Mehmuż 5-A jew minn ajruport tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti dderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1254/2009 għandhom jiġu kkunsidrati bagalji tal-istiva li jaslu minn pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm konferma li l-bagalji tal-idejn twettqilhom l-iskrinjar skont dan il-Kapitolu.";

(18) Jiżdied il-punt 5.0.6 li ġej:

"5.0.6 Il-bagalji tal-istiva li jaslu minn ajruport tal-Unjoni fejn l-Istat Membru rilevanti dderoga mill-istandards bażiċi komuni kif previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1254/2009, għandhom jiġu kkunsidrati bħala bagalji tal-idejn li jaslu minn pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm konferma li l-bagalji tal-istiva twettqilhom l-iskrinjar skont dan il-Kapitolu.";

(19) Fil-Kapitolu 5, id-Dokument Mehmuż 5-A huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ID-DOKUMENT MEHMUŻ 5-A**

BAGALJI TAL-ISTIVA

*PAJJIŻI TERZI, KIF UKOLL PAJJIŻI U TERRITORJI OĦRA LI FIHOM, F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 355 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA, MA JAPPLIKAX IT-TITOLU VI TAL-PARTI TLIETA TA' DAK IT-TRATTAT, LI HUMA RRIKONOXXUTI BĦALA PAJJIŻI U TERRITORJI LI JAPPLIKAW STANDARDS TAS-SIGURTÀ LI HUMA EKWIVALENTI GĦALL-ISTANDARDS BAŻIĊI KOMUNI DWAR IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI*

Fir-rigward tal-bagalji tal-istiva, il-pajjiżi terzi li ġejjin, kif ukoll pajjiżi u territorji oħra li fihom, f'konformità mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma japplikax it-Titolu VI tal-Parti Tlieta ta' dak it-Trattat, ġew irrikonoxxuti bħala pajjiżi u territorji li japplikaw standards tas-sigurtà li huma ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili:

**Il-Kanada**

**Il-Gżejjer Faeroe, fir-rigward tal-ajruport Vagar**

**Greenland, fir-rigward tal-ajruport Kangerlussuaq**

**Guernesey**

**Isle of Man**

**Jersey**

**Il-Montenegro**

**Ir-Repubblika ta' Singapore, fir-rigward tal-ajruport Singapore Changi**

**L-Istat ta' Iżrael, fir-rigward tal-Ajruport Internazzjonali ta' Ben Gurion**

**L-Istati Uniti tal-Amerka**

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri jekk ikollha xi tagħrif li jindika li l-istandards tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew minn pajjiż jew territorju ieħor ikkonċernat li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-livelli ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Unjoni mhumiex iktar ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni tal-Unjoni.

L-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri għandhom jiġu nnotifikati mingħajr dewmien meta l-Kummissjoni jkollha tagħrif dwar azzjonijiet, inklużi miżuri ta' kumpens, li jikkonfermaw li l-ekwivalenza tal-istandards rilevanti tas-sigurtà applikati mill-pajjiż terz jew mill-pajjiż jew mit-territorju l-ieħor ikkonċernat ġiet stabbilita mill-ġdid.";

(20) Il-punt 6.1.3 jitħassar;

(21) Il-punt 6.8.3.6(d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-kontenut tal-konsenja, jew indikazzjoni ta' konsolidazzjoni fejn ikun applikabbli; u";

(22) Is-sentenza li ġejja tiżdied fl-aħħar tal-punt 6.8.3.6:

"Fil-każ ta' konsolidazzjonijiet, l-ACC3 jew l-aġent irregolat ivvalidat tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE (RA3) li wettqu l-konsolidazzjoni jżommu l-informazzjoni meħtieġa hawn fuq għal kull konsenja individwali minn tal-inqas sal-ħin stmat tal-wasla tal-konsenji fl-ewwel ajruport fl-Unjoni Ewropea jew għal 24 siegħa, skont liema minn dawn ikun l-itwal.";

(23) Jiżdied il-punt 6.8.3.8 li ġej:

"6.8.3.8 Tranżitu jew trasferiment ta' konsenji li jaslu minn pajjiż terz elenkat fid-Dokument Mehmuż 6-I li d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament tagħhom ma tikkonformax mal-punt 6.8.3.6 għandhom jiġu ttrattati skont il-Kapitolu 6.7 qabel it-titjira sussegwenti.";

(24) Jiżdied il-punt 6.8.3.9 li ġej:

"6.8.3.9 Tranżitu jew trasferiment ta' konsenji li jaslu minn pajjiż terz mhux elenkat fid-Dokument Mehmuż 6-I li d-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament tagħhom ma tikkonformax mal-punt 6.8.3.6 għandhom jiġu ttrattati skont il-Kapitolu 6.2 qabel it-titjira sussegwenti. Id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament tal-konsenji li jaslu minn pajjiż terz elenkat fid-Dokument Mehmuż 6-F għandha minn tal-inqas tikkonforma mal-iskema tad-Dikjarazzjoni tas-Sigurtà tal-Konsenja tal-ICAO.";

(25) Jiżdiedu l-punti 11.0.8 u 11.0.9 li ġejjin:

"11.0.8 Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "radikalizzazzjoni" tfisser il-fenomenu ta' soċjalizzazzjoni sa estremiżmu ta' persuni li jħaddnu opinjonijiet, fehmiet u ideat, li jistgħu jwasslu għal terroriżmu.

11.0.9 Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, meta jiddeterminaw l-affidabbiltà ta' individwu li jkun għaddej mill-proċess deskritt fil-punti 11.1.3 u 11.1.4, l-Istati Membri għandhom iqisu minn tal-inqas:

(a) ir-reati msemmija fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

u

(b) ir-reati terroristiċi msemmija fid-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

Ir-reati elenkati fil-punt (b) għandhom jitqiesu bħala kriminalità li tiskwalifika.

(*) Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132).

(**) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).";

(26) Il-punt 11.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11.1. REKLUTAĠĠ

11.1.1 Il-persuni li jiġu rreklutati biex jimplimentaw, jew biex ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni, tal-iskrinjar, tal-kontroll tal-aċċess jew ta' kontrolli oħra tas-sigurtà f'żona ta' sigurtà ristretta għandu jkun irnexxielhom jgħaddu minn verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża.

11.1.2 Il-persuni li jiġu rreklutati biex jimplimentaw, jew biex ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni, tal-iskrinjar, tal-kontroll tal-aċċess jew ta' kontrolli oħra tas-sigurtà xi mkien għajr f'żona ta' sigurtà ristretta, jew li jkollhom aċċess mhux skortat għall-merkanzija u għall-posta bl-ajru, għall-posta tat-trasportaturi bl-ajru u għall-provvisti tal-ajruporti li għalihom ikunu ġew applikati l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa, għandu jkun irnexxielhom jgħaddu minn verifika tal-preċedenti personali standard jew iktar rigoruża. Sakemm ma jkunx ġie speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament, għandhiex issir verifika tal-preċedenti personali standard jew iktar rigoruża għandu jiġi stabbilit mill-awtorità xierqa skont ir-regoli nazzjonali applikabbli.

11.1.3 Skont ir-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża għandha minn tal-inqas:

(a) tistabbilixxi l-identità tal-persuna abbażi ta' evidenza dokumentata;

(b) tkopri r-rekords kriminali fl-istati ta' residenza kollha minn tal-inqas waqt il-ħames (5) snin preċedenti;

(c) tkopri l-impjiegi, l-edukazzjoni u kwalunkwe lakuna minn tal-inqas waqt il-ħames (5) snin preċedenti;

(d) tkopri l-intelligence u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tkun disponibbli għand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huma jikkunsidraw li jistgħu jkunu rilevanti għall-idoneità ta' persuna biex taħdem f'funzjoni li tirrikjedi verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża.

11.1.4 Skont ir-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, verifika tal-preċedenti personali standard għandha:

(a) tistabbilixxi l-identità tal-persuna abbażi ta' evidenza dokumentata;

(b) tkopri r-rekords kriminali fl-istati ta' residenza kollha minn tal-inqas waqt il-ħames (5) snin preċedenti;

(c) tkopri l-impjiegi, l-edukazzjoni u kwalunkwe lakuna minn tal-inqas waqt il-ħames (5) snin preċedenti.

11.1.5 Verifika tal-preċedenti personali standard jew il-punti (a) sa (c) ta' verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża għandha ssir qabel ma l-persuna tattendi taħriġ inizjali tas-sigurtà li jinvolvi l-aċċess għal informazzjoni li ma tkunx disponibbli b'mod pubbliku minħabba s-sensittività tas-sigurtà tagħha. Fejn ikun applikabbli, il-punt (d) ta' verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża għandha ssir qabel ma persuna titħalla timplimenta, jew tkun responsabbli għall-implimentazzjoni, tal-iskrinjar, tal-kontroll tal-aċċess jew ta' kontrolli oħra tas-sigurtà.

11.1.6 Jekk individwu ma jgħaddix mill-elementi kollha speċifikati fil-punti 11.1.3 u 11.1.4 rispettivament, jew jekk fi kwalunkwe żmien dawn l-elementi ma jipprovdux il-livell meħtieġ ta' aċċertament tal-affidabbiltà tiegħu, għandu jitqies li l-individwu ma għaddiex mill-verifiki tal-preċedenti personali standard jew iktar rigorużi.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa u effettivi sabiex jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali u ma' Stati oħra għall-finijiet ta' elaborazzjoni u evalwazzjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-verifika tal-preċedenti personali.

11.1.7 Il-verifiki tal-preċedenti personali għandhom ikunu soġġetti għal dawn li ġejjin:

(a) mekkaniżmu għar-rieżami kontinwu tal-elementi speċifikati fil-punti 11.1.3 u 11.1.4 permezz tan-notifika fil-pront lill-awtorità kompetenti, lill-operatur jew lill-entità emittenti, kif ikun applikabbli, ta' kwalunkwe okkorrenza li tista' taffettwa l-affidabbiltà tal-individwu. Il-modalitajiet għan-notifika u għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' kontenut tagħha bejn l-awtoritajiet, l-operaturi u l-entitajiet kompetenti, għandhom jiġu stabbiliti u mmonitorjati skont il-liġi nazzjonali; jew

(b) repetizzjoni f'intervalli regolari li ma taqbiżx tnax-il xahar għall-verifiki tal-preċedenti personali iktar rigorużi, jew tliet snin għall-verifiki tal-preċedenti personali standard.

11.1.8 Il-proċess tar-reklutaġġ għall-persuni kollha rreklutati skont il-punti 11.1.1 u 11.1.2 għandu jinkludi minn tal-inqas applikazzjoni bil-miktub u stadju b'intervista maħsuba biex tipprovdi valutazzjoni inizjali tal-ħiliet u tal-predispożizzjonijiet.

11.1.9 Il-persuni rreklutati biex jimplimentaw il-kontrolli tas-sigurtà għandu jkollhom il-ħiliet mentali u fiżiċi kif ukoll il-predispożizzjonijiet meħtieġa biex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti mogħtija lilhom u għandhom ikunu mgħarrfa dwar in-natura ta' dawn ir-rekwiżiti mill-bidu tal-proċess tar-reklutaġġ.

Dawn il-ħiliet u l-predispożizzjonijiet għandhom jiġu vvalutati waqt il-proċess tar-reklutaġġ u qabel ma jispiċċa l-perjodu ta' prova.

11.1.10 Ir-rekords dwar ir-reklutaġġ, inklużi r-riżultati ta' kwalunkwe testijiet ta' valutazzjoni, għandhom jinżammu għall-persuni kollha rreklutati skont il-punti 11.1.1 u 11.1.2 għal minn tal-inqas id-durata tal-kuntratt tagħhom.

11.1.11 Sabiex tiġi indirizzata t-theddida minn informazzjoni privileġġata, u minkejja l-kontenuti u l-kompetenzi rispettivi tat-taħriġ tal-persunal elenkati fil-paragrafu 11.2, il-programm tas-sigurtà tal-operaturi u tal-entitajiet imsemmija fl-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandu jinkludi politika interna xierqa u miżuri relatati li jtejbu s-sensibilizzazzjoni tal-persunal u li jippromwovu kultura tas-sigurtà.

11.1.12 Il-verifiki tal-preċedenti personali konklużi b'suċċess qabel l-31 ta' Diċembru 2020 ser jibqgħu validi sal-iskadenza tagħhom jew l-aktar tard sat-30 ta' Ġunju 2023, skont liema data tiġi l-ewwel.";

(27) Is-sentenza li ġejja tiżdied fl-aħħar tal-punt 11.1.2:

"Il-verifiki qabel l-impjieg għandhom jiġu mwaqqfa permezz sal-31 ta' Lulju 2019. Persuni li jkunu għaddew minn verifika qabel l-impjieg għandhom jgħaddu minn verifika tal-preċedenti personali sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2020.";

(28) Il-punt 11.2.2(k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) il-ħila ta' komunikazzjoni ċara u kunfidenti; u";

(29) Fil-punt 11.2.2, jiżdied il-punt (l) li ġej:

"(l) l-għarfien dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni.";

(30) Il-punt 11.2.3.2(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;";

(31) Il-punt 11.2.3.3(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;";

(32) Il-punt 11.2.3.6(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-għarfien dwar ir-rekwiżiti ġuridiċi għat-tfittxijiet tas-sigurtà tal-inġenji tal-ajru u dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;"

(33) Il-punt 11.2.3.7(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-għarfien dwar kif titwettaq il-protezzjoni u l-prevenzjoni tal-aċċess mhux awtorizzat għall-inġenji tal-ajru u għall-elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni.";

(34) Il-punt 11.2.3.8(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;";

(35) Il-punt 11.2.3.9(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;";

(36) Il-punt 11.2.3.10(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;";

(37) Il-punt 11.2.6.2(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;";

(38) Il-punt 11.2.7(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ġuridiċi u l-għarfien rilevanti dwar elementi li jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' kultura tas-sigurtà soda u reżiljenti fuq il-post tax-xogħol u fil-qasam tal-avjazzjoni, inklużi fost affarijiet oħra, it-theddida minn informazzjoni privileġġata u r-radikalizzazzjoni;";

(39) Il-punt 11.3.1(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għal persuni li jħaddmu tagħmir EDS jew tar-raġġi X, ċertifikazzjoni mill-ġdid minn tal-inqas kull tliet (3) snin; u";

(40) Il-punt 11.3.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11.3.2. Il-persuni li jħaddmu tagħmir EDS jew tar-raġġi X għandhom, bħala parti miċ-ċertifikazzjoni inizjali jew il-proċess ta' approvazzjoni, jgħaddu minn test standardizzat tal-interpretazzjoni tal-immaġnijiet.";

(41) Il-punt 11.3.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11.3.3. Il-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jew tal-approvazzjoni mill-ġdid għal persuni li jħaddmu tagħmir EDS jew tar-raġġi X għandu jinkludi kemm test standardizzat tal-interpretazzjoni tal-immaġnijiet u kemm evalwazzjoni tal-prestazzjoni operazzjonali.";

(42) Fil-punt 11.4.1, jitħassar il-paragrafu li ġej:

"Ir-riżultati tal-ittestjar għandhom jiġu pprovduti lill-persuna u jiġu rrekordjati, u jistgħu jitqiesu bħala parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jew tal-approvazzjoni mill-ġdid.";

(43) Il-punt 11.4.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11.4.2. L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwi li jwettqu l-iskrinjar għandu jsir fl-aħħar ta' kull perjodu ta' sitt (6) xhur. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni:

(a) għandhom jiġu pprovduti lill-persuna u jiġu rrekordjati;

(b) għandhom jintużaw biex jiġu identifikati d-dgħufijiet u biex jinfurmaw l-adattament tat-taħriġ u tal-ittestjar fil-ġejjieni sabiex jiġu indirizzati dawk id-dgħufijiet; u

(c) jistgħu jitqiesu bħala parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid jew tal-approvazzjoni mill-ġdid.";

(44) Il-punt 11.5.1(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) it-tlestija b'suċċess ta' verifika mtejba tal-preċedenti personali skont il-punt 11.1.3;"

(45) Il-punt 11.6.3.5(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ikunu ġew soġġetti għal verifika tal-preċedenti personali iktar rigoruża skont il-punt 11.1.3;";

(46) Fil-punt 11.6.5.5, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"L-inizjalar bl-idejn fuq kull paġna jista' jiġi sostitwit b'firma elettronika tad-dokument kollu.";

(47) Jiżdiedu l-punti 12.0.4 u 12.0.5 li ġejjin:

"12.0.4 Fejn diversi tipi ta' tagħmir tas-sigurtà jintużaw flimkien, kull wieħed għandu jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet definiti u jissodisfa l-istandards stabbiliti f'dan il-Kapitolu, kemm b'mod separat u kemm flimkien ma' tagħmir ieħor.

12.0.5 It-tagħmir għandu jiġi ppożizzjonat, installat u miżmum b'konformità mar-rekwiżiti tal-manifatturi tat-tagħmir.";

(48) Il-punt 12.1.1.8 jitħassar;

(49) L-aħħar sentenza tal-punt 12.5.1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta TIP ta' CTI titħaddem ma' tagħmir EDS użat esklużivament għall-iskrinjar tal-bagalji tal-istiva, ir-rekwiżit fil-punt (b) għandu japplika biss mill-1 ta' Settembru 2020";

(50) Jiżdied il-punt 12.11.2.3 li ġej:

"12.11.2.3. L-istandard 2.1 għandu japplika għall-iskeners tas-sigurtà installati mill-1 ta' Jannar 2021";

(51) Il-punt 12.12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"12.12 TAGĦMIR TAL-ISKENJAR TAŻ-ŻRABEN

12.12.1 **Prinċipji ġenerali**

12.12.1.1 It-tagħmir tal-individwazzjoni tal-metall fiż-żraben (SMD) għandu jkun kapaċi jindividwa u jindika permezz ta' allarm minn tal-inqas l-oġġetti metalliċi speċifikati, kemm b'mod individwali u kemm flimkien ma' tagħmir ieħor.

12.12.1.2 It-tagħmir tal-individwazzjoni tal-isplussiv fiż-żraben (SED) għandu jkun kapaċi jindividwa u jindika permezz ta' allarm minn tal-inqas l-oġġetti splussivi speċifikati.

12.12.1.3 L-individwazzjoni permezz tat-tagħmir SMD u SED ma għandhiex tiddependi fuq il-pożizzjoni u l-orjentazzjoni tal-oġġetti metalliċi jew splussivi.

12.12.1.4 It-tagħmir SMD u SED għandu jitqiegħed fuq bażi solida.

12.12.1.5 It-tagħmir SMD u SED għandu jkollu indikatur viżiv biex juri li t-tagħmir qed jitħaddem.

12.12.1.6 Il-mezzi għall-aġġustament tal-konfigurazzjonijiet tal-individwazzjoni tat-tagħmir SMD u SED għandhom jiġu protetti u għandhom ikunu aċċessibbli għal persuni awtorizzati biss.

12.12.1.7 It-tagħmir SMD għandu jagħti minn tal-inqas allarm viżiv u allarm li jinstema' meta jindividwa xi oġġetti metalliċi kif imsemmi fil-punt 12.12.1.1. Għandu jkun possibbli li wieħed jinduna biż-żewġ tipi ta' allarm minn bogħod ta' metru (1 m).

12.12.1.8 It-tagħmir SED għandu jagħti minn tal-inqas allarm viżiv u allarm li jinstema' meta jindividwa xi oġġetti splussivi kif imsemmi fil-punt 12.12.1.2. Għandu jkun possibbli li wieħed jinduna biż-żewġ tipi ta' allarm minn bogħod ta' metru (1 m).

12.12.2 **Standards għat-tagħmir SMD**

12.12.2.1 Għandu jkun hemm żewġ standards għat-tagħmir SMD. Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dawn l-istandards huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

12.12.2.2 It-tagħmir SMD kollu li jintuża b'mod esklużiv għall-iskrinjar tal-persuni għajr il-passiġġieri għandu jissodisfa minn tal-inqas l-istandard 1.

12.12.2.3 It-tagħmir SMD kollu li jintuża għall-iskrinjar tal-passiġġieri għandu jissodisfa l-istandard 2.

12.12.2.4 It-tagħmir SMD kollu għandu jkun kapaċi jsolvi l-allarmi ġġenerati fuq WTMD, fil-parti bejn is-superfiċe li tappoġġa ż-żarbuna u minn tal-inqas 35 cm 'il fuq.

12.12.3 **standard għat-tagħmir SED**

12.12.3.1 Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dan l-istandard huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.";

(52) Jiżdied il-punt 12.14 li ġej:

"12.14 TAGĦMIR TAL-INDIVIDWAZZJONI TAL-FWAR SPLUSSIV (EVD)

12.14.1 **Standards għat-tagħmir EVD**

12.14.1.1 It-tagħmir EVD kollu li jintuża għall-iskrinjar tal-bagalji tal-istiva jew tal-merkanzija għandu jissodisfa minn tal-inqas l-istandard 1.

12.14.1.2 It-tagħmir EVD kollu li jintuża għall-iskrinjar tal-persuni jew tal-bagalji tal-idejn għandu jissodisfa minn tal-inqas l-istandard 3.

12.14.1.3 Ir-rekwiżiti dettaljati dwar dawn l-istandards huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005."